MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru 983/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Peter Raniero Borg**
**Andrew Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijiba kontra;
**Peter Raniero Borg** ta' 45 sena, bin Anthony u Pauline *nee'* Vella, mwieled il-Belt Valletta, fit-30 ta' Jannar, 1959, residenti 'Tamaran', Triq Oliver Agius, Attard, u detentur tal-karta tal-identita' numru 122759M, u
**Andrew Borg** ta' 42 sena, bin Anthony u Pauline *nee'* Vella, mwieled il-Belt Valletta, fl-20 ta' Marzu, 1962,

residenti ‘Dar il-Wied’, Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 258462M, u

Billi intom akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, fl-24 ta’ Lulju, 2004, u fil-gimghat ta’ qabel b’doversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda fil-hanut ‘Underground’ fil-Hamrun u f’diversi hwienet ohra tal-ahwa Borg xjentement qeghdtu fic-cirkolazzjoni, bieghejtu jew zammejtu ghandkom ghall-bejgh jew importajtu ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal; jew emblema mxebbhhin b’qerq u cioe’ 75 par karkur tad-ditta Next;

Ukoll talli fl-istess lok u cirkostanzi ghall-qliegh jew bi skop ta’ kummerc stampajtu, mmanifaturajtu, dduplikajtu jew mod iehor irriproducejtu, jew ikkopjajtu jew bieghejtu, qassamtu jew mod iehor offrejti ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti mill-Ligi ta’ Maltajew tahtha;

Aktar talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi bil-ghan li tiehdu vantagg ghalikom infuskom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, bieghejtu jew krejtu, offrejtu jew esponejtu ghall-bejgh jew kiri jew qassamtu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registrata;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra lit infliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkonemplat fl-atikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputati sabiex ikunu ggudikati minn din l-Qorti wara illli fil-hanut gestit mill-imputati kien hemm esposti ghall-bejgh erba krakar tal-marka “NEXT” li kienu foloz. L-imputat Peter Raniero Borg informa lill-ispettur illi fl-istores kellu kaxxa mimlija b’dawn il-krakar u jumejn wara mar minn jeddu ghand il-Pulizija biex jinfurmahom illi go fergha ohra kellu 24 par karkur iehor. L-istess imputat kien informa lill-ispettur illi dawk il-krakar soltu jinbieghu Lm5.95 izda dak in-nhar kienu qed jinbieghu bis-SALE fil-valur ta’ LM3.90.

L-espert nominat minn din l-Qorti biex jezamina dawn il-krakar, irrelata illi dawn ma kienux originali oltre li dawn iz-zewg tipi ta’ krakar ma kienu qatt prodotti mid-ditta NEXT minkejja li fuq l-istess krakar kien hemm indikat dan l-isem.

L-imputat Peter Raniero Borg xehed illi in-negozju taghhom ilu stabilit ghal dawn l-ahhar erbghin sena minn zmien missieru u li ghadu diversi ferghat f’Malta. Huwa qal li kien xtara dawn iz-zewg tipi ta’ krakar minghand rapprezentat barrani li ilu jixtri minn ghandu ghal dawn l-ahhar seba snin u dan qatt ma kien ingannah qabel. Ix-xhud esebixxa ukoll il-fattura relattiva tal-merkanzija fejn henn indikati fost xoghol iehor, zewg konsenji ta’ zraben mmarkati NEXT. Din il-fattura ghaddiet mid-dipartiment tad-dwana u l-oggetti ingiebu Malta b’mod regolari. Il-krakar inxtraw ghall-prezz ta’ E 4.1 u E 5.0-il wiehed.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-atti, dawn il-krakar kienu esebiti fil-hanut tal-imputati mhux f'xi rokna izda f'post vizibbli proprju fin-nofs tal-hanut. Dawn kienu qed jinbieghu ghall-Lm3.90 minflok il-prezz ta' Lm5.90 peress li kienu bis-SALE. Jirrizulta illi l-imputati setghu tressqu quddiem din il-qorti biex iwiegbu dwar erba krakar izda kienu huma stess li infurmaw lill-Pulizija illi fil-fatti kellhom hafna aktar minn hekk fl-istores kif ukoll f'hanut iehor taghhom stess.

Illi minn dak kollu li ingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti jidher bla ebda dubju illi l-imputati kienu in bona fede fl-agir taghhom b'mod illi jeskludi l-intenzjoni kriminuza da parti taghhom sia fl-akkwist ta' oggetti kontrafatti kif ukoll fil-bejgh taghhom kontra d-dritt tal-awtur. L-artikolu 303 tal- Kap 9 johloq presunzzjoni kontra kull min ikun akkuzat bi ksur tal-artikolu 298 (1) (f) tal-istess Kap:

**302.** Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(*f*), jitqies li l-akkuzat mexa dolozament, kemm-il darba ma jippruvax –

(*a*) illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u
(*b*) illi, meta gie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-taghrif kollu li seta' jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom gieb dik il-merkanzija; u
(c`) illi mill-bqija huwa mexa bla hazen.

Illi kif fuq konsatat, l-imputati mhux biss ma ghamlu xejn li jista' b'xi mod jindika li riedu ibieghu din il-merkanzija bil-mohbi, talli meta importaw l-istess huma ghamlu dikjarazzjoni li dawn kienu prodotti tal-marka NEXT u esebewhom fil-hwienet taghhom b'mod apert. Inoltre huma setghu jahbu il-merkanzija izda ghazlu illi juru lill-ispettur illi fil-fatt kellhom aktar minn dawn il-krakar fl-istores taghhom u fi hwienet ohra minflok li helsu minnhom baxx baxx u b'hekk kienu ikunu inkriminati dwar

erba krakar valur ta' erba liri –il wiehed. Dak ravvizat fl-artikolu 303 ukoll ma japplikax ghall-imputati stante illi huma qalu mill-ewwel minn ghand min kienu xtraw dawn il-krakar u taw kull tgharif li kellhom.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputati ippruvaw sodisfacentement illi l-prezunzjoni *juris tantum* kontra taghhom mhix aktar applikabbli;

Illi l-imputati huma ukoll akkuzati bi ksur tal-artikolu 298B tal-Kap 9. F'dan ir-rigward ma hemmx prezunzjoni kontra l-imputati bhal fil-kap precedenti u ghalhekk il-prova hija fuq il-prosekuzzjoni. Dan l-element huwa *sine qua non* ghall-fini ta' sejbien ta' htija. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Gaudenzio Borg, deciza fis-26 ta' Awissu 1998** il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghall-element tax-xjenza rikjest mil-ligi u b'dan l-element ta' xjenza, din il-Qorti tifhem illi l-imputati jehtieg li mhux biss ikunu jafu li l-oggetti huma kontrafatti talli huma impurtaw u qieghdu dawn l-oggetti ghal-bejgh bl-iskop illi jiksru id-drittijiet tal-awtur naxxenti mill-ligi bl-effett ta' registrazzjoni tal-marka. F'dan il-kap ukoll, izda, il-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx ix-xjenza tal-imputati li f'dan il-kaz tikkonsisti fl-intenzjoni specifika li kull imputat ikun bejgh jew qassam il-merkanzija bl-iskop li jikser il-jeddijiet tal-awtur.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberhom;

Stante li l-oggetti esebiti irrizultaw kontrafatti, l-Qorti tordna l-konfiska u distruzzjoni taghhom skond l-artikolu 23 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------